MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 849/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**Sean Schembri ta' 16 il-sena, iben Michael u Rita xebba Mifsud, imwieled Pieta` nhar id-19 ta' Marzu, 1997, u residenti Blk A, Flat 9, Housing Estate, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita` numru 109597(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'Birzebbugia nhar il-25 ta' Marzu, 2013, ghal habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofs inharm, bil-hsieb li jaghmel delitt cioe` li minghajr il-hseib li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' haddiehor u cieo` ta' Zak Woodhead minn Birzebbugia f'perikolu car jikkagunalu griehi ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu permezz ta' arma regolari, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara tir ta' arma ta' l-arja fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u barra mill-volonta tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna offizi ta' natura hafifa permezz ta' arma regolari fuq il-persuna ta' Zak Woodhead minn Birzebbugia skond kif iccertifikat Dr. Mark Bugeja MD, numru mediku 1768 tal-Isptar Mater Dei:

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u munizzjoni jew imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

U aktar talli nhar il-25 ta' Marzu, 2013, f'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew dintorni tieghu arma tan-nar u munizzjon elenkat fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U finalment talli nhar il-25 ta' Marzu, 2013, f'dawn il-Gzejjer, kiser il-provediment ta' l-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta nhar id-9 ta' Novembru, 2011, kont gejt misjub hati mill-Qrati ta' Malta ta' reat u kkundannat ghal-liberta bil-kundizzjoni li li ma jikkommettix reat iehor matul il-perjodu ta' tmintax il-xahar, liema sentenzi saret definittivia u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat huwa taht l-eta u l-fatt illi huwa ikkopera mal-pulizija u ddispjacieh ta’ li ghamel.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-ammenda ta’ hamsa w ghoxrin euro (€25) fuq kull akkuza li b’kollox jammontaw ghal mitt euro (€100).

Wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tittratta mal-hati dwar is-sentenza tad-9 ta’ Novembru, 2011 u wara li rat l-artikoli 37, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 325(1)(c) u  334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu tlett (3) xhur prigunerija liema perjodu ta’ prigunerija wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna l-konfiska ta' Dok CF1 u Dok CF2.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------